# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Tlieta, 8 ta' Novembru 2022**

**Kawza Numru: 7**

**Rikors Guramentat Numru:- 243/2022 JVC**

**Stephanie Galea (K.I. 0583190M)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Stephanie Galea li talbet kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti twieldet fil-kontea ta' Dimbovita, fil-Belt ta' Tirgoviste, r-Rumanija, nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elf disgħa mija u disgħin (1990);

2. Illi isem u kunjom ir-rikorrenti fit-twelid u sas-sebgħa ta' Novembru tas-sena elf disgħa mija, wieħed u disgħin (1991) kien 'Mihaela Constantin';

3. Illi nhar is-sebgħa ta' Novembru tas-sena elf disa' mija, wieħed u disgħin (1991) permezz ta' digriet fl-atti tar-rikors nru. 757/91, l-Onorabli Qorti Ċivili Sekond'Awla kienet laqgħet it-talba tal-ġenituri addotivi biex jibdlu l-isem oriġinali minn 'Mihaela Constantin' għal dak ta' 'Stephanie Galea'. Kopja tad-digriet imsemmi tinsab annessa u mmarkata bħala **Dok A**;

4. Illi Stephanie Galea, magħrufa bħala Stephanie Mihaela Galea, ġiet registrata fir-Registru Pubbliku tal-Persuni Adottati bl-isem ta' 'Stephanie Galea'. Dan jidher kemm mill-vera kopja ta' Reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Persuni Adottati miżmum fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku hawn annessa u mmarkata **Dok B**, kif ukoll mill-estratt veru mill-Att tat-twelid tagħha miżmum fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku hawn anness u mmarkat **Dok C**;

5. **Illi** r-rikorrenti bdiet proċeduri fir-Rumanija biex jinħarġula dokumenti uffiċjali li bihom tkun tista żżur il-pajjiż, iżda ġiet mgħarfa mill-istess Awtoritajiet tal-pajjiż illi minħabba nuqqas ta' dokumentazzjoni uffiċjali tal-adozzjoni, id-dokumenti in kwistjoni jistgħu joħorġu biss fuq l-isem oriġinali 'Mihaela Constantin'.

6. Illi Stephanie Mihaela Galea rnexxila tintraċċa lill-ġenituri bioloġiċi tagħha u huwa permezz biss ta' dawn id-dokumenti maħruġa mir-Rumanija li tkun tista terġa' tagħmel kuntatt magħhom ġewwa r-Rumanija.

7. Illi tali inkonsistenza qiegħda tikkawża diffikultajiet prattiċi lir-rikorrenti għax ma' jkun hemm l-ebda konnessjoni diretta bejn id-dokumentazzjoni uffiċjali maħruġa mill-Awtoritajiet Rumeni u d-dokumentazzjoni uffiċjali maħruġa mill-Awtoritajiet Maltin, u għalhekk hija għandha interess skont il-liġi, inter alia *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li ssir d-debita annotazzjoni fl-Att tat-Twelid tagħha kif ukoll fl-Atti l-oħra kollha tal-ħajja ċivili tal-esponenti;

8. Illi għalhekk il-proviso (2) għall-Artiklu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandu japplika għall-każ odjern liema proviso jgħid kif ġej:

"Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni tal-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u liema jkunu ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv jew li huma mniżżla fir-Reġistru ta' Persuni Adottati bħala l-isem jew l-ismijiet mogħtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa:"

Għaldaqstant, r-rikorrenti umilment titlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din l- Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tordna, qabel is-smigħ tal-kawża, illi jiġi ppublikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;.

2. Tiddikjara li hemm il-ħtiega li ssir annotazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni sebgħa sitta żero tas-sena elf

disgħa mija u disgħin (760/1990), fis-sens illi l-isem ir-rikorrenti 'Stephanie Galea' jinbidel u jiġi reġistrat ukoll fl-istess Att tat-Twelid l-isem ta' 'Mihaela' bħala it-tieni isem tagħha, u cioe' wara l-isem l-ieħor 'Stephanie'għal dak ta' 'Stephanie Mihaela', u dana sabiex b'hekk, u b'rispett sħiħ tal-mod li bih ir-rikorrenti kienet minn dejjem u konsistentement magħrufa u msejjħa, l-isem sħiħ tal-istessi rikorrent jiġi jinqara 'Stephanie Mihaela' bħala isem u 'Galea' bħala kunjom; u konsegwentement

3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi fl-Att tat-Twelid odjern isiru annotazzjonijiet meħtieġa fis-sens illi fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa" l-isem 'Stephanie Galea' jigi sostitwit bl-isem ta' 'Stephanie Mihaela Galea';

4. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex dan it-tibdil jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili tar-rikorrenti konċernata.

U dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li timponi fiċ-ċirkostanzi.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi mir-reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Persuni Adottati tar-rikorrenti, innumerata bin-numru ta' reġistrazzjoni 760, annessa mar-rikors promotur tagħha u mmarkata Dok. B, jirriżulta li Stephanie Galea twieldet fis-26 ta' Settembru 1990 fir-Rumanija, u li l-ġenituri adottivi tagħha huma Gaetano Galea u Mary, mart l-istess Gaetano Galea. Dawn id-dettalji kienu rreġistrati skont id-digriet tal-adozzjoni datat 7 ta' Novembru 1991, anness mar-rikors promotur u mmarkat Dok. A, u għalhekk huwa evidenti illi ma sar ebda żball da parti tal-esponent;

4. Illi dawn id-dettalji jidhru wkoll fl-estratt tal-Att tat-Twelid, kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata Dok. C. L-estratt huwa nnumerat 5831/1990 u fih ma ssir ebda referenza għall-Att tal-Adozzjoni, u dan *in linea* mal-provvedimenti relattivi rigwardanti l-adozzjoni tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi r-rikorrenti pproċediet bil-kawża istanti bil-għan illi din l-Onorabbli Qorti tordna korrezzjoni fl-Att tat-Adozzjoni tagħha, li huwa ekwivalenti għall-Att tat-Twelid, sabiex jiżdied l-isem Mihaela bħala t-tieni isem tagħha wara l-isem Stephanie, u b'hekk isimha jiġi jinqara Stephanie Mihaela, b'rispett sħiħ għall-mod kif hija dejjem kienet konsistentement magħrufa;

6. Illi fiċ-ċirkostanzi, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi. L-esponent huwa tal-umli fehma li għal dan il-għan, ir-rikorrenti għandha tressaq provi

idonei sabiex turi kif fil-ħajja ta' kuljum, hija konsistentement magħrufa bħala 'Stephanie Mihaela', stante illi s'issa ma ppreżentat ebda provi f'dan is-sens;

7. Illi bla ħsara għall-premess, fir-rigward tar-raba' talba attriċi, fejn qed jintalab illi "dan it-tibdil jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili tar-rikorrenti konċernata", qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

8. Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.'

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Rat li saret id-debita publikazzjoni skont il-Ligi esebita a fol. 13 tal-process.

Fil-mertu rat illi mid-dokumentazzjoni esebita mar-rikors guramentat tal-istess rikorrenti u kif ukoll mill-affidavit taghha esebit a fol. 20 et seq tal-process u d-dokumentazzjoni vasta annessa mal-istess affidavits, jirrizulta illi r-rikorrenti hija verament maghrufa mhux biss bl-isem ta' Stephanie Galea izda bl-isem ta' Stephanie Mihaela Galea kif effettivament turi bosta minn din id-dokumentazzjoni. In vista ta' dan kollu l-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

3. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tiddikjara li hemm il-ħtiega li ssir annotazzjoni fl-Att tat- Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni sebgħa sitta żero tas-sena elf disgħa mija u disgħin (760/1990), fis-sens illi l-isem ir-rikorrenti 'Stephanie Galea' jinbidel u jiġi reġistrat ukoll fl-istess Att tat-Twelid l-isem ta' 'Mihaela' bħala it-tieni isem tagħha, u cioe' wara l-isem l-ieħor 'Stephanie'għal dak ta' 'Stephanie Mihaela', u dana sabiex b'hekk, u b'rispett sħiħ tal-mod li bih ir-rikorrenti kienet minn dejjem u konsistentement magħrufa u msejjħa, l-isem sħiħ tal-istess rikorrent jiġi jinqara 'Stephanie Mihaela' bħala isem u 'Galea' bħala kunjom;

4. Tilqa′ t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi fl-Att tat-Twelid odjern isiru annotazzjonijiet meħtieġa fis-sens illi fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa" l-isem 'Stephanie Galea' jigi sostitwit bl-isem ta' 'Stephanie Mihaela Galea';

5. Tilqa′ r-raba′ talba limitatament ghall-atti fil-poter tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku intimat.

6. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b′kopja tas-sentenza ta′ din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta′ Malta.

L-ispejjez fic-cirkostanzi kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**8 ta′ Novembru 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**8 ta′ Novembru 2022**